# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 6/2021

25 ta' Ġunju, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

6.1 **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

6.1 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 5.1.1 (*doggy bin* fi Sqaq Ħannux) kien tneħħa kif ukoll li kienet tpoġġiet il-qasrija f'din it-trejqa.

6.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 5.3.8 (l-parkeġġ fi Triq San Gwann) kien tneħħa. Huwa qal li sid id-dar li quddiemha kien hemm il-parkeġġ kien ġiet infurmat.

6.1.3 Is-Sindku qal illi ref punt 5.3.10 (Triq San Pawl One Way) it-triq kienet ser tiġi One Way sakemm jitlestew ix-xogħolijiet f'din it-triq.

6.1.4 Is-Sindku qal illi ref punt 5.6 sabiex tintefa' l-applikazzjoni l-Planning Authority ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir id-devoluzzjoni tal-art. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma ssirx applikazzjoni għad-devoluzzjoni.

6.1.5 Is-Sindku qal ref punt 5.7.1 kienu saru.

6.1.6 Is-Sindku qal li kien sar meeting mal-Perit minħabba s-survey għat-tisbiħ tal-pjazza. Huwa qal li l-Perit kien avżah li hekk kif jitlesta dan is-survey il-Kunsill ikun jista' jibda jipjana l-proġett tal-pjazza.

6.1.7 Is-Sindku qal illi ref punt 5.8.2 (pavimentar fi Triq San Pawl) Infrastrucutre Malta qalu li ma kinux qed jerfgħu r-responsabbilita' għax-xogħolijiet tal-pavimentar.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal forsi l-Kunsill jista' jagħmel laqgħa ma Infrastructure Malta sabiex niddiskutu din il-kwistjoni.

Il-Viċi Sindku qal li meta jsir xi forma ta' pavimentar 'il quddiem jekk ix-xogħol ma jkunx sar sew jew ikollok tirranġa xi servizz it-triq qatt ma tkun tista' terġa tirranġa t-triq kif kienet oriġinarjament.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker issuġerixxa li jinħatar Project Manager sabiex nassiguraw ruħna li x-xogħolijet isiru kif suppost.

Il-Kunsill iddiskuta pero' l-Kunsill qabel li f'dan l-istadju ma kinitx tagħmel sens peress li x-xogħolijiet f'din it-triq diġa' kienu fi stat avvanzat u allura ma kienx għad fadal żmien biex isir il-pavimentar.

6.1.8 Is-Sindku qal li sabiex ma nżommux lin-naħħal milli jkompli b'ħidmietu, il-Kunsill qabel li jkomplu jiddiskutu x'jista' jsir minħabba s-sigurta' fi Ġnien Sir Alexander Ball.

Bħala prekawzjoni u bħala sigurta' għan-nies li jżuru l-Ġnien il-Kunsill issuġġerixxa li

1. isiru sinjali li hemm in-naħal fil-Ġnien

2. waqt il-handling fil-parti ta’ isfel tal-Ġnien din il-parti għandha tingħalaq għal pubbliku.
3. suġġeriment ieħor kien li jsir netting mal-passaġġ.

6.2 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.2.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser jibbenfika minn fondi tal-LESA is-somma ta’ €20,000 permezz tal-inizjattiva għar-restawr tan-niċeċ li għandna fil-lokalita’. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li issa l-Kunsill kellu biex jirrestawra n-niċeċ kollha tar-raħal kif ukoll il-Ħajt Ruman.

6.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien beda d-diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Anzjanita’ Attiva rigward is-sinjali mar-raħal minħabba ċ-ċentru tad-dimentia. Is-Sindku qal li l-ispiża totali għal dawn is-sinjali u tabelli kienet ser tlaħħaq is-somma ta’ madwar 1,000 Euro li kollha kienu ser isiru fil-lokalita’ tagħna bl-emblema tal-Kunsill inkluża. Is-Sindku spjega li mill-Ministeru tal-Anzjanita’ attiva kienu qed jistaqsu lill-Kunsill sabiex joħroġ parti minn din l-ispiża. Il-Kunsill iddiskuta u fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla, il-Kunsill qabel li noħorġu s-somma ta’ 200 Euros.

6.2.3 Is-Sindku qal li kien jinħtieġ li l-evaluators jiltaqgħu sabiex issir l-evalwazzjoni tal-kuntratt tal-Knis. Il-Kunsilliera qablu li jew jiltaqgħu l-Ħamis 1 ta’ Lulju, jew il-Ġimgħa 2 ta’ Lulju, jew inkella t-Tlieta 5 ta’ Lulju, 2021 fil-5:00pm.

6.3 **Tweġibiet għal-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

6.3.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li ż-żibel quddiem il-bin fi Triq iż-Żurrieq dejjem qed jikber kif ukoll il-biċċiet ta’ karozzi skrapjati fi Triq il-Ħajt Ruman. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u l-ħtieġa ta’ CCTV camera f’dan il-lok.

6.3.2 Il-Viċi Sindku qal li l-ħasil tal-karozzi mal-Petrol Station ta’ Triq iż-Żurrieq kien qed isir erba’ u għoxrin siegħa kuljum. Huwa qal li dan kien qed joħloq inkonvinjent għaliex kien qed

ikun hemm ħafna storbju. Il-Viċi Sindku qal li ma kienx qed jgħid li ma jistax isir il- ħasil tal-karozzi pero' il-ħsejjes fil-ħemda tal-lejl kienu qed joħolqu inkonvinjent kbir.

Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-Kunsill setax ikellem lil ERA minħabba n-noise assessment. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill diġa' kien irċieva lmenti oħra minn terzi persuni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel sabiex niktbu lill-ERA minħabba dan l-ilment.

6.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet forsi l-Kunsill seta' jara x'jista' jsir bħala attivitajiet minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha talba sabiex isir basketball pitch u ssiġerixxiet il-grawnd tal-futbol. Il-Kunsill iddiskuta pero' il-Kunsill qabel li fil-grawnd tal-futbol ma jistax isir logħob tal-basketball u l-Kunsill kien diġa' irċieva talba fi snin preċedenti fil-fatt kien inxtara l-kit pero' l-Kunsill qatt ma kellu post adegwat sabiex isir il-*basket ball ring*.

6.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward is-sinjali tat-traffiku għal Triq il-Kuċċard kif ukoll is-service road għal din l-istess triq u s-soft areas. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien għadu jistenna minn naħa ta' Transport Malta.

6.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha tikkordina mal-Fondazzjoni għas-servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS) sabiex jitqassam flyer fil-lokalita' ta' Ħal Safi.

6.3.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienu qed jiħdlulha ħafna lmenti rigward il-knis kważi mar-raħal kollu.

6.3.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward is-servizz tal-podjatrista. Is-Sindku kkonferma li minħabba l-miżuri tal-Covid-19 dan is-servizz kien wieqaf. Il- Kunsill iddiskuta u qabel li għandna niċċekkjaw sabiex naraw hemmx xi ċans li jerġa' jinbeda dan is-servizz.

6.3.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward in-notice board li l-Kunsill għandu fil-pjazza. Hija qalet li l-Kunsill ma kellux użu partikolari għal dan in-notice board. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li din in-notice board titressaq meta tkun ser titranġa l-faċċata.

6.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li Triq San Pawl ix-xogħol tal-Stencil Concrete ma kienx jogħġbu u parti minnha diġa kien qad jinqasam. Wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel li għandna nġibu dan l-ilment għall-attenzjoni tal-Perit.

6.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa fhiex kienet waslet l-applikazzjoni tal-sleeping police fis-service road ta' Triq il-Kuċċard.

6.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx sar jagħmel konsultazzjoni mar-residenti rigward s-sinjali minħabba l-persuni bid-Dimentia. Is-Sindku spjega li s-sinjali kienu ser jsiru minn naħa tad-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva.

6.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark qal li diġa kienu saru erba' laqgħa minħabba Slow Streets. Huwa qal li kienu qed jistennew waħda mill-parteċipanti u jkunu jistgħu jipproċedu aktar 'il quddiem sabiex jibdew jiddiskutu t-trasport pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien attenda waħda mill-laqgħa tad-Day Centre fejn kien qajjem l-proġett ta' Slow Streets. Huwa qal li l-issue ta' Slow Streets kienu jaqblu miegħu pero li ma jgħaddix it-trasport pubbliku mill-pjazza jidher li ser tkun issue.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li punt ieħor li kien qam mal-laqgħa tal-Anzjani tad-Day Centre kienet il-ħtieġa tal-preżenza tal-pulizija madwar it-toroq tal-lokal. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien applika sabiex ikollna l-Community Policing.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien irċieva ukoll ilment rigward it-trasport għall-Anzjani. Is-Sindku spjega li qabel il-pandemija kien qed ikun hawn is-servizz tat-tuk tuk. Is-Sindku qal li minn naħa tal-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva kienu qed jiproponu li jsir servizz għal lokalitajiet ta' wara l-mina u kienu saru diskussjonijiet fejn jista' jsir charging point ġewwa Ħal Safi fejn ikun jista' jiġi ċċarġjat pero jidher li kienu qed jfittxu post alternattiv, forsi jkunu f'pożizzjoni li joffru dan is-servizz.

6.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien irċieva lment ieħor li Ġnien Dun Karm Vella kien qiegħed jiġi vvandalizzat. Huwa qal li hemm il-ħtieġa li tibda ssir zona u nfurzar fuq dan il-Ġnien.

6.3.14 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kienet saret iż-żjara minħabba l-ilment tan-naħal fi Ġnien Sir Alexander Ball. Huwa qal li kienet saret spezzjoni fl-għalqa fil-viċin pero' f'dan iż-żmien ma jkunx hemm problemi għaliex il-problema tan-naħal tkun l-aktar fir-rebbiegħa.

6.3.15 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li lment ieħor li kien irċieva kienet li l-hornets kienu jfittxu l-ikel tal-qtates allura l-Kunsill għandu javża li min jitma l-qtates għandu jnaddaf sabiex ma jkollniex problemi.

6.3.16 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kien qed jissuġġerixxi li jsir aktar dawl fil-mina ta' Ħal Kirkop għaliex din ġiet mudlama. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li probabbli din il-problema hija għaliex ix-xogħolijiet għadhom mhux lesti.

6.3.17 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li kienu qed jitqassmu ż-żerriegħa lir-residenti f'kull dar. Huwa qal li jissuġerixxi li niftehmu mal-iskola u noħorġu avviż sabiex min mhux ser jagħmel użu minn dawn iż-żrieragħ jtihom lill-Kunsll imbagħad norganizzaw attivita' u jinżergħu mit-tfal tal-Iskola. Il-Kunsill qabel.

6.3.18 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li rigward il-Proġett ta' *Slow Streets* Trejqet Tarsu nhux ser tkun aċċessibbli għal Heavy Vechicles, u jekk din ser tibqa' hekk minn ikun ġej minnTriq San Gwann ser tkun diffiċċli li jgħaddu.

6.3.19 Il-Kunsillier is-Sur Public Abdilla qal li l-ħaxix ħażin madwar ir-raħal kien kiber u allura kellu bżonn jinqata'.

6.3.20 Il-Kunsilliera is-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk Sqaq Ħannux kellux jingħalaq ukoll minn naħa tat-Triq tal-Ajżar. Is-Sindku u l-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla spjegaw li f'dan l-isqaq kien hemm xi garaxxijiet allura t-triq ma setgħets tingħalaq minn żewġ naħat.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ġie skużat mil-laqgħa 9.00pm u rritorna 9.03pm

6.4 **Agreement MTA - Local Council's Association**

Is-Sindku spjega x'kien jinvolvi l-agreement li l-Kunsill kien ser jiffirma sabiex il-Kunsill japprova l-permess biex il-ħwienet joħorġu l-imwejjed u siġġijiet bħala għajnuna minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid 19. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dan l-agreement.

6.5 **Ħatra Deputat Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill kien ser jispiċċa minn Segretarju Eżekuttiv kienet qed tissuġerixxi li l-Kunsill jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid ħalli fl-assenza tagħha jkun hemm xi ħadd li jista' jassumi r-responsabbilita' ta' Segretarju Eżekuttiv. Hija qalet li wieħed mill-iskrivani kien qiegħed fi skala 11 u kien qed jaċċetta li jinħatar bħala Deputat Segretarju ġdid għall-perjodu ta' tliet xhur. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-ħatra.

6.6 **Korrispondenza**

6.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet il-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mingħand Transport Malta rigward ħajt tas-sejjieħ li dejjem qiegħed jintlaqat bil-karozza għaddejin fil-kantuniera ta' Triq San Anton u Triq it-Torri ta' Gawhar. Hija qrat l-email lill-Kunsill. Saret diskusskjoni rigward dan il-punt u l-Kunsll ma qabilx mas-suġġeriment li ssir tabella 'No Access to Heavy Vehicles', pero' l-Kunsll qed jissuġerixxi li titkejjel it-triq u nibagħtu l-wisa' lil Transport Malta.

6.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li il-Kunsill kien irċieva talba minn MTA sabiex il-Kunsill jikkonferma li ma jsibx oġġezzjoni għal permess ta' mwejjed u siġġijiet fi Triq il-Menqa, Safi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma jsibx oġġezzjoni.

6.6.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva komunikazzjoni mill-Assoċjazzjoni għal Kunsilli Lokali flimkien ma Bee Keepers Association b'inizjattiva favur li ma jinqatax il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva.

6.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex isir *un/loading bay* quddiem is-Safi Pharmacy. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna naplikaw u nħallu f'idejn Transport Malta sabiex jiddeċiedu liema *bay* għandha ssir.

6.7 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

6.8 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgħa ntemmet fis-9.25pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 21 ta' Lulju, 2021 fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |